MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 982/1997/1

Felic Mifsud u b'digriet ta' l-20 ta' Jannar 2000 gie korrett ghal Fenech
vs
Direttur Dipartiment tal-Agrikoltura

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988 u wara, r-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ghall-grad ta' Officer 2A u anke f'li tpogga fi grad inqas minn dak tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent kien beda l-karriera tieghu mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fit-28 ta' Lulju 1956 fejn beda fil-grad ta' apprentist u wara hadem xoghol ta' "gardener", "head gardener" u "agricultural officer I" u anke "agricultural Officer 2". Illi huwa kien hadem anke fir-raba' distrett tad-Dipartiment tal-

Agrikoltura u anke ta’ lectures f’dak li huwa maghruf bhala “agricultural theory”. Illi minkejja dan ir-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni ghall-grad ta’ Officer 2A u dan minghajr ebda raguni u gustifikazzjoni. Illi r-rikorrent anke kompla sofra ingustizzja u dan peress illi l-grad tieghu gie assimilat ma’ grad anqas minn dak illi huwa suppost li kellu, u cioe` minn grad 9 tpogga fi grad 8.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jiehu b’lura mill-1988 il-promozzjoni ta’ Officer 2A, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur ta’ l-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi huwa car illi hemm lok illi r-rikorrent jiccara u jispecifika l-ilment tieghu billi jghid minn liema incidenti partikolari qed jilmenta.

Illi fil-fatt id-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura ma rnexxielu jsib ebda “records” ta’ impjegat bl-isem “Felic Mifsud”.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ikkonferma l-ezattezza tal-fatti kollha indikati fir-rikors fl-20 ta' Jannar, 2000. Semma li hu kien applika kemm fl-1987 kif ukoll fl-1988 ghall-kariga ta` Agricultural Officer 2A. Dak iz-zmien kien Agricultural Officer 2. Is-sejha kienet wahda interna. Hu kellu interview u ma jafx f'liema posizzjoni spicca u meta gie ssuggerit lilu li gie fit-tmien posizzjoni qal, li kien l-ewwel darba li qed jismaghha. Kemm kien hemm vacancies hu ma kienx jaf.

Xehed Peter Agius li jahdem l-Agrikoltura fil-kariga ta' Principal Agricultural Officer li semma li jaf sewwa lir-rikorrent specjalment bejn l-1984 u l-1987 meta hu kien inkarigat mill-gonna pubblici u l-istazzjoni u r-rikorrent kien jahdem tahtu. Agius kellu xi sitt ufficcjali fil-grad tar-rikorrent u r-rikorrent wiehed mill-ahjar minnhom bhala xoghol. Kien jahdem direttament tahtu.
Semma li meta r-rikorrent kien applika fl-1993 ghal Agricultural Officer 2A kien hemm hames applikanti u x-xhud kien wiehed mill-persuni li ghamel l-interview u ghalkemm ir-rikorrent kien l-aktar wiehed anzjan ma kienx intghazel. Wara ta d-dettalji dwar l-interview tal-1993.

Xehed Joseph Borg li kellu l-kariga ta' Principal Agricultural Officer u dam f'din il-kariga sal-2000 li semma li jaf lir-rikorrent ghax kien jahdem l-Agrikoltura mieghu. Lir-rikorrent kien jafu f'diversi gradi mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u kien dejjem haddiem u ufficjal ezemplari. Ghal zmien kien l-Education u kien mar lura mbaghad l-Agrikoltura. Kien ghamel zmien jilmenta wkoll fuq il-promozzjonijiet. Hu jiftakru bhala Agricultural Officer 2. Mistoqsi dwar Guzeppi Abela li fil-fatt kien ha l-kariga qal, li bhala teknika kienu komparabbli mar-rikorrent u hu, bhala skola, is-Sur Fenech kien superjuri. Dwar George Fenech deherlu li dan fil-fatt kien ha xi kors barra minn Malta wkoll. Mistoqsi jekk fil-fatt meta Fenech ipprova jaghmel il-kors ma kienx komplieh, irrisponda li ma ftakarx.

Xehed Carmel Aquilina rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li semma li r-rikorrent beda jahdem bhala

apprentist mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-1956 u fl-1972 kien gie trasferit mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u wara fl-1980 kien rega' mar lura l-Agrikoltura u baqa' hemmhekk sallum il-gurnata. Fl-1982 Fenech kien lahaq Agricultural Officer 2 u meta saret ir-riforma tal-Gradi fl-Agrikoltura, l-Agricultural Officers 2 gew assimilati bhala Senior Agricultural Foreman. Fil-kaz tar-rikorrent dan sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ghax kien b'lura u minn interim scale 13 mar fi scale 10.

Semma wkoll li fl-1 ta' April 1993 kienet saret sejha ghall-post ta' Agricultural Officer 2A skond Office Circular 48/93. F'dik l-okkazzjoni kien inhatar Carmel Abela li kien gab 83 marka waqt li Fenech kien gab 53 marka. B'riferenza ghac-cirkolari li kienet harget ghall-Officer 2A f'Settembru 1988, kienu ntaghazlu 3 b'effett mit-30 ta' Mejju 1989 u r-rikorrent ma kienx intghazel.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi minn ezami tar-rikors jidher car illi l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq il-fatt illi fl-1988 wara li kienet harget applikazzjoni ghall-promozzjoni ghall-Officer 2A, ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni. Sfortunatament, matul il-kors tal-kawza ma saru provi xejn assolutament f'dan ir-rigward ghax il-ftit provi li saru kienu dwar applikazzjoni tal-promozzjoni tal-1993 li l-anqas biss tissemma fir-rikors u li ghalhekk it-Tribunal b'ebda mod m'hu awtorizzat li jidhol fl-ezami tal-fatti dwar l-applikazzjoni tal-1993.

L-unika haga li tirrizulta mill-process dwar ir-rikorrent li tista' tingieb bhala prova favur tieghu dwar il-promozzjonijiet tal-1988, hija l-fatt li kien haddiem konxjenzjus u li jipprova jaghmel dejjem l-ahjar tieghu. Izda dan certament, ghalkemm huwa riflessjoni sabiha dwar il-karattru u l-personalita` tar-rikorrent, xorta wahda b'ebda mod ma jista' jitqies bhala raguni valida ghaliex ir-rikorrent kellu jinghata tali promozzjoni. Kull ma jaf it-Tribunal huwa illi ntaghzlu tlieta, pero`, la jaf min huma, la x'marki gabu, la x'marki gab ir-rikorrent u ghal hlief biss li r-rikorrent kien fuq domanda li saritlu probabbilment gie

klassifikat fit-tmien post izda l-anqas ma gew esebiti la marki u l-anqas provi ohra dwar dan.

Illi ghalhekk manifestament jirrizulta illi dan it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja meta r-rikorrent ma lahaqx il-kariga fl-1988 dwar liema applikazzjoni sar ir-rikors u l-ilment odjern.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li jilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.